MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 518/1995/1

**Francis Zahra u b'digriet tal-21 ta' Gunju, 2000 Charles Azzopardi gie ammess fil-kawza bhala parti interessata; u b'digriet tat-8 ta' Gunju, 2001 gew mahtura Dr Tonio Azzopardi u P.L. Liliana Buhagiar biex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti ta' l-attur li miet fil-mori tal-kawza**

**v.**

**Carmel sive Charles Pace u b'digriet tat-3 ta' Gunju, 1996 Dr. Louis Bianchi ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Gasan Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta` assikuratrici estera**

**General Accident Fire & Life Assurance Corporation PLC gie ammess jintervjeni fil-kawza 'in statu et terminis' u permezz ta' nota pprezentata fid-19 ta' Jannar, 2001 Gasan Mamo Insurance Agency Limited assumiet l-atti bhala intervenuta fil-kawza flok Dr. Louis Bianchi ghan-nom ta' Gasan Insurance Agency Limited**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**
**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTURI**

1. B'citazzjoni pprezentata fl-24 ta` April 1995, l-attur Francis Zahra, illum mejjet, talab lil Qorti tistabbilixxi d-danni dovuti lilu wara li kien involut f'incident awtomobilistiku mal-konvenut Carmel sive Charles Pace fid-9 ta` Mejju 1993, waqt li kien qed isuq il-karozza Simca numru R-5458, u l-konvenut bi traskuragni, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku baqa' diehel go fih bil-karozza tieghu, Escort numru S-0465, u sahansitra baqa' sejjer. L-attur ippremetta li b'rizultat ta' dan l-incident huwa sofra danni fosthom disabilita` permanenti, u li nonostante li kien interpella lill-konvenut biex ihallsu, dan baqa' inadempjenti. B'hekk kellhom isiru l-proceduri odjerni.

**IL-KONTUMACJA TAL-KONVENUT**

2. Il-konvenut, debitament notifikat, baqa' kontumaci.

**L-ECCEZZJONIJIET TA' L-INTERVENT FIL-KAWZA**

3. B'digriet tat-3 ta` Gunju 1996 intervjena fil-kawza Dr. Louis Bianchi ghas-socjeta` assikuratrici tal-konvenut Gasan Insurance Agency Limited noe, li eccepixxa illi s-socjeta` dejjem accettat ir-responsabbilita` ghan-nom ta' l-assigurat taghhom ghall-incident tat-traffiku u kienet lesta thallas l-ammont li kienet obbligata thallas a tenur tal-Kap. 104, wara li dan jigi verifikat bhala dovut u jintlahaq ftehim ma' l-attur. Ghalhekk ma kellhiex tbati l-ispejjez ghal dawn il-proceduri li saru intempestivament.

**IL-MEWT TA' L-ATTUR U T-TRASFUZJONI TAL-GUDIZZJU U HATRA TA' KURATURI**

4. Mill-atti jirrizulta li l-attur, Francis Zahra, miet fid-9 ta` Jannar 1999 (ara Dok CA1 a fol 245).

B'digriet tal-21 ta` Gunju 2000 (fol 274), il-Prim Awla tal-Qorti Civili, fuq rikors ta' Charles Azzopardi, kreditur ta' l-attur, ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'ismu, wara li ngiebu l-provi li l-eredi ta' l-attur kienu rrinunzjaw ghall-wirt tad-decujus, u dan a tenur ta` l-Artikolu 806 tal-Kap. 12. Konsegwentement, fuq talba ta' l-intervenuta fil-kawza, is-socjeta` Gasan Mamo Insurance Agency Limited, b'digriet tat-8 ta' Gunju 2001, gew appuntati Dr. Tonio Azzopardi u l-P.L. Liliana Buhagiar biex jirriaprezentaw lill-eredita` gjacenti ta' l-attur Francis Zahra.

**IS-SENTENZA TA` L-EWWEL QORTI**

5. B'sentenza tat-2 ta` Ottubru 2002, il-Prim Awla tal-Qorti Civili, wara li ddikjarat illi l-incident gara unikament tort tal-konvenut, illikwidat id-danni attrici fis-somma ta' sebat elef tmienja u sittin Lira Maltin u sittax-il centezmu (LM7068.16c), salv kull tnaqqis dovut jekk jirrizulta li s-somma ta' LM250 kienet diga` giet percepita mill-attur u kkundannat lill-konvenut ihallas dan l-ammont lill-kuraturi tal-eredita` gjacenti. Inoltre, illikwidat l-interess ta` Charles Azzopardi qua kreditur tal-eredita` gjacenti fl-ammont ta` sitt elef disa` mija sebgha u tmenin lira u ghoxrin centezmu (LM6987.20) u ordnat lill-kuraturi jhallsuh dan l-ammont mir-rikavat imsemmi u jiddepozitaw kwalunkwe bilanc f'kont "savings" ma` bank lokali f''isem l-eredita` gjacenti ta` Francis Zahra. Fl-ahharnett, hija ordnat lill-konvenut ihallas l-ispejjez kollha hlief dawk tal-intervenut fil-kawza li skond il-Qorti dejjem ibati l-ispejjez tieghu.

**L-APPELL TAL-KURATURI MAHTURA BIEX JIRRAPREZENTAW L-EREDITA` GJACENTI TA` L-ATTUR FRANCIS ZAHRA**

6. Il-kuraturi deputati hassew in-necessita` li jappellaw minn din id-decizjoni biex jezimu ruhhom minn kull responsabbilita` civili f'kaz li jitfaccjaw xi eredi tal-mejjet u jippretendu li s-sentenza tal-Qorti ta` l-ewwel grad kellha tigi appellata.

L-aggravji taghhom huma s-segwenti:
(i) Is-sentenza appellata ghandha tigi annullata jew revokata ghaliex naqset li tiddeciedi punt li tqieghed quddiemha b'mod formali ghal decizjoni. Jispjegaw illi fis-sentenza l-Qorti ma ghamlet ebda referenza ghall-kontestazzjoni registrata minnhom fil-verbal fl-atti tal-kawza fejn rriferew ghall-Artikolu 1143 tal-Kap. 16 li ma jippermettix li Azzopardi jassumi l-atti ta' azzjoni personali bhal ma hija dik ghal danni personali li kienet tispetta biss lid-debitur tieghu.

(ii) fit-tieni lok jillanjaw illi l-ewwel Qorti ma stabbilietx il-"*quantum* disability rating" soffert mill-attur avolja dan kien gie indikat mill-esperti medici mahtura minnha. Jilmentaw illi fis-sentenza appellata ma hemm l-ebda referenza ghall-percentwali ta' dizabilita` sofferta mill-attur u li hemm izjed diskussjoni dwar il-prezz tal-karozza involuta fil-habta milli dwar l-ammont ta' dizabilita` sofferta mill-attur, li fl-opinjoni taghhom kien l-ewwel ezercizzju li kellu jsir mill-Qorti, stante li kien hemm talba specifika dwar il-likwidazzjoni tad-danni.

Jissottomettu li l-ewwel Qorti hatret esperti medici, irceviet ir-relazzjonijiet taghhom u sahansitra semghet ix-xiehda taghhom li fihom rrispondew ghad-domanda dwar il-"quantum rating", fosthom dik ta` Dr. Mario Tabone li xehed diversi drabi biex jispjega l-konkluzzjonijiet tieghu, izda fid-decizjoni taghha ma ghamlet ebda riferiment ghall-grad ta' dizabilita` permanenti li l-Qorti kienet qed tistabilixxi. Tali ommissjoni ma saritx minhabba xi nuqqas ta' provi adegwati da parti ta' l-attur ghaliex il-percentwali ta' dizabilita` kienet tirrizulta ampjament mir-rapporti medici ta' l-esperti nominati. B'hekk ghalkemm nafu li l-attur kien qed jirreklama li sofra dizabilita` permanenti ta' 56%, ma nafux kemm kien il-grad ta` dizabilita` permanenti li l-Qorti addottat meta llikwidat id-danni. Tali mankanza ghandha ggib l-annullament jew revoka tas-sentenza appellata.

(iii) L-ahhar aggravju ta' l-appellanti jirrigwarda il-metodu kif il-Qorti waslet ghal-likwidazzjoni tad-danni. Jilmentaw illi l-Qorti skartat il-metodu stabbilit fil-gurisprudenza dwar

il-'multiplier', adottat il-kriterju "arbitrio boni viri" u ffissat il-figura ta' LM5,000. Jghidu li huwa veru li tali ghazla tispetta lill-ewwel Qorti, izda l-Qorti ta' l-Appell ghandha l-poter tissindika l-ezercizzju tad-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti, kemm-il darba jirrizulta li dan kien manifestament zbaljat. Skond l-appellanti din id-diskrezzjoni giet ezercitata b'mod zbaljat ghaliex –

a) fejn wahda mid-debilitazzjonijiet permanenti tirrigwarda telf ta' vista okulari gie stabbilit mill-gurisprudenza kriterju car ta' kif ghandha ssir il-likwidazzjoni. L-ewwel Qorti ma tat l-ebda piz lil metodu stabbilit, metodu li minhabba l-importanza kbira ta' ghajnejn il-bniedem iwassal ghal likwidazzjoni ta' danni sostanzjali. Fil-kaz odjern l-ewwel Qorti poggiet flimkien id-diversi dizabilitajiet permanenti sofferti mill-attur u akkordat is-somma ta' LM5,000, somma ferm baxxa ghall-griehi permanenti sofferti mill-attur.

b) Il-fatt li l-attur miet fil-mori tal-kawza huwa assolutament irrilevanti, bhalma huwa l-fatt li Charles Azzopardi ppretenda li kien silef lil attur is-somma ta' LM5,000, figura identika ghal dik likwidata.

c) Il-metodu korrett kien dak tal-"multiplier" stante li l-attur kien registrat mal-VAT Department bhala persuna fin-negozju u ghalhekk l-"income" tieghu kien kalkolabbli.

B'hekk talbu li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza tal-Prim Awla fir-rigward tad-dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident de quo u ghad-danni konsegwenzjali u tirrevokaha, thassaraha u tannullaha in kwantu injorat is-sottomissjonijiet taghha rigward l-ammissjoni ta' Charles Azzopardi bhala parti interessata, ma stabbilietx percentwali ta' dizabilita` permanenti u peress li llikwidat f'livell baxx wisq id-danni li ghandhom jithallsu lill-eredita` gjacenti ta' l-attur in vista tal-grad gholi ta' dizabilita` permanenti soffert minnu fl-incident *de quo*.

**IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' CHARLES AZZOPARDI**

7.1 L-appellat Charles Azzopardi jirrileva li l-ewwel aggravju ta' l-appellanti huwa rritu u null, stante li t-trasfuzjoni tal-gudizzju giet ordnata mill-ewwel Qorti permezz ta' digriet tal-21 ta' Gunju 2000, u l-appellanti naqsu li jappellaw minn dan id-digriet – in fatti fit-talba konklussiva taghhom jghidu li qed jappellaw mis-sentenza tat-2 ta` Ottubru 2002, u mkien ma jsemmu d-digriet (ara "Joseph Cassar Aveta noe v. Mark Muscat", Appell Inferjuri deciz 30 ta' Gunju 1994). Inoltre, l-appellanti qatt ma pprezentaw rikors quddiem l-ewwel Qorti biex jitlobu r-revoka tad-digriet u ghalhekk it-trasfuzjoni tal-gudizzju baqghet mhux attakkata sas-sentenza finali. Finalment jirrileva illi l-azzjoni odjerna hija wahda ghar-rizarciment ta' danni in segwitu ta' incident awtomobilistiku u ghalhekk mhix wahda minn dawk il-kawzi "ghal kollox personali" bhal per ezempju wahda ta' separazzjoni personali jew annullament.

7.2 Dwar il-lanjanzi rigwardanti l-grad ta' dizabilita` u l-likwidazzjoni tad-danni, l-appellat jissottometti li l-Qorti ghandha d-diskrezzjoni tiddeciedi jekk taddottax il-metodu tal-"multiplier" jew il-kriterju ta' l-*arbitrio boni viri*.

Jissottometti li l-ewwel Qorti ma kellha ebda diffikulta` biex tistabbilixxi il-grad ta' dizabilita` soffert mill-attur. It-tobba li ezaminawh ikkonkludew illi l-attur (illum mejjet) kellu dizabilita` permanenti komplessiva ta` 56% (Dok FZ6,7,8). Inoltre, il-Professur Griffiths, wiehed mill-esperti nominati mill-Qorti sab zewg difetti ortopedici permanenti li huwa kkwantifika ghal dizabilita` ta' ghaxra fil-mija u l-espert okulista Dr. Mario Tabone kkonkluda li l-"industrial visual efficiency" ta' qabel l-incident kienet ta` 97.75% izda b'kawza ta' l-incident l-attur kellu "visual inefficiency" ta' 90% ghall-ghajn il-leminija u ta' 40% ghal dik xellugija, li komplessivament wasslu ghal dizabilita` permanenti ohra ta' tletin fil-mija (30%). B'hekk il-grad ta' dizabilita` stabbilit mill-esperti nominati mill-Qorti kien dak ta' erbghin fil-mija (40%). Ghalhekk l-ewwel Qorti setghet tasal ghal percentwal ta` dizabilita` wara li tiehu l-"efficiency rating" ta` l-ghajn it-tajba u tasal ghall-formula stabilita fil-kawza fl-ismijiet <u>Joseph Abela v. Martin Spagnol</u> deciza fit-30 ta' Marzu 1993, mill-Prim Awla tal-Qorti Civili u adoperata

mill-espert okulista. Izidu, izda li fil-kaz odjern, l-attur kien arloggar u “precision instrument repairer” u ghalhekk it-telf ta’ ghajnejh il-leminija zbilancjatlu anke l-ohra u hija ta’ ferm aktar importanza ghax hi “job related”.

7.3 L-appellat irrileva illi l-ewwel Qorti rriskontrat diffikulta` peress li meta gara l-incident l-attur kellu 66 sena u miet ta` 72 sena, fil-mori tal-kawza. Inoltre, Zahra ma pprezentax kopji ta’ l-“income tax returns” tieghu ghalkemm iddikjara bil-gurament li kellu qliegh ta’ erbat elef lira Maltin fis-sena.

7.4 Skond l-appellat Azzopardi, ghalhekk, din il-Qorti ghandha tinvestiga jekk bil-provi li kien hemm, il-Qorti ta’ l-ewwel grad setghetx “tibbaza konvinzjoni fuq grad ragjonevoli ta’ certezza … ghax altrimenti kull kalkolu jsir azzardat u kull likwidazzjoni tkun ghal kollox nieqsa mill-oggettivita` bazata fuq provi.” Dan ghaliex , skond l-appellat, l-ammont likwidat bhala <u>lucrum cessans</u> kien baxx wisq meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, fuq incident li ilu li gara ghaxar snin.

7.5 Finalment l-appellat Azzopardi jirrileva li ma hemm l-ebda appell fir-rigward ta’ <u>damnum emergens</u> stabbilit mill-ewwel Qorti, u jesebixxi ic-cekk originali ta’ LM250, mhux imsarraf, li kien gie ritornat mill-Avukat Dr. Louis Bianchi fl-ittra datata 15 ta’ Novembru 1993.

**<u>IR-RISPOSTA TA` L-APPELL TAS-SOCJETA` INTERVENUTA FIL-KAWZA GASAN MAMO INSURANCE AGENCY LIMITED NOE</u>**

8.1 Is-socjeta` appellata ssostni li s-sentenza timmerita konferma f’dak li gie likwidat bhala <u>lucrum cessans</u> u dan ghaliex l-ewwel Qorti, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u partikolarment peress li l-attur miet fil-mori tal-kawza fl-eta` ta` 72 sena, kellha tillikwida d-danni *arbitrio boni viri*.

8.2 Tirrileva illi meta gara l-incident l-attur kellu 66 sena u kien pensjonant. Inoltre, ghalkemm qal li d-dhul tieghu kien ta` LM4000 fis-sena, huwa ma gabx prova tad-dhul tieghu u rrifjuta li jipprezenta l-“Income Tax Returns” tas-snin antecedenti. Lanqas gab xiehda fuq il-fatt li hu kien

jahdem jew kien jinnegozja maghhom. Joseph Bezzina, Senior Executive Officer ma’ l-ETC xehed li l-attur kien “self employed” u li “mir-records” taghhom kien spicca jahdem fil-31 ta` Dicembru 1987, u li l-Korporazzjoni ma kellhiex “engagement forms” ohra ta’ l-attur, nonostante li kull min jahdem bi qliegh irid jaghmel “engagement form”. Izzid tghid li kieku Zahra kellu xi forma ta` dhul minn xoghol meta sehh l-incident, apparti mill-pensjoni tieghu, kien ikun f’posizzjoni li jhallas id-dejn li kien ghamel ma’ Charles Azzopardi disa’ snin qabel l-incident.

Izzid li peress li Zahra miet fid-9 ta` Jannar 1999, kieku l-Qorti llikwidat id-danni skond il-metodu ta’ likwidazzjoni solitu, il-“multiplier” kien ikun biss ta’ sitt snin u l-ammont likwidat kien ikun ferm anqas minn dak ta’ LM5,000.

8.3 Dwar id-debilita` permanenti sofferta mill-attur is-socjeta` appellata tghid li l-ewwel Qorti hadet kont tal-fatt li l-attur kien pensjonant u li miet waqt il-mori tal-kawza. Inoltre, tirrileva illi l-espert okulista, meta mistoqsi jekk il-“visual inefficiency” ta’ l-attur kenitx kagun diretta ta’ l-incident stradali rrisponda “ma nistax nghid li li ghandu issa hija totalment dovuta ghall-incident” u kompla jghid li Zahra kien dijabetiku u li din fost ragunijiet ohra tirriduci l-efficjenza tal-vista. B’hekk tghid li l-ewwel Qorti kienet korretta meta injorat il-metodu normalment adoperat fil-likwidazzjoni tad-danni f’kaz ta’ telf parzjali ta’ vista.

8.4 Min-naha l-ohra dwar il-likwidazzjoni tad-*damnum emergens*, l-appellata tghid li l-attur ma gabx provi sodisfacenti li huwa kellu xi merkanzija fil-vettura tieghu li ma nstabitx aktar wara l-incident. Ma sar ebda rapport lill-Pulizija dwar dan it-telf, ma ngiebet ebda dokumentazzjoni biex juri li verament kellu tali merkanzija u lanqas gew prodotti l-persuni li maghhom kien se jinnegozja. Ghalhekk dan l-ammont ma ghandux jigi likwidat. Inoltre, il-konvenut ma jistax jinzamm legalment responsabbli ghal dan l-allegat telf. L-appellata tghid li hija taqbel li ghandhom jithallsu l-ispejjez medici inkorsi u li l-prezz tal-vettura kien thallas lill-attur tramite l-Avukat tieghu fil-15 ta’ Novembru, 1993.

8.5 Tikkonkludi billi tghid li kwalunkwe ammont dovut lil Charles Azzopardi kellu jigi kalkolat bir-rata ta' tmienja fil-mija u mhux aktar minn daqstant.

Ghalhekk tghid li s-sentenza appellata kellha tigi konfermata f'dak li jirrigwarda *lucrum cessans* u l-ammont likwidat bhala *damnum emergens* kellu jigi ridott ghall-ispejjez medici biss.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

9. Fl-ewwel aggravju taghhom l-appellanti jissottomettu li d-decizjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad ghandha tigi annullata jew revokata ghaliex dik il-Qorti naqset li tiddeciedi punt li huma qeghdu quddiemha formalment ghad-decizjoni taghha rigwardanti l-assunzjoni ta' l-atti minn Charles Azzopardi wara l-mewt, fil-mori tal-kawza, ta' l-attur Francis Zahra. L-ilment ta' l-appellanti jiccentra fuq il-fatt li fid-decizjoni taghha l-ewwel Qorti ghalkemm ikkunsidrat il-posizzjoni ta' Charles Azzopardi li kien dahal fil-kawza a tenur ta' l-Artikolu 806 tal-Kodici Civili, injorat il-linja difensjonali taghhom u ma ghamlet ebda referenza ghall-verbal taghhom seduta stante fejn il-kuratur kien irrefera ghall-Artikolu 1143 tal-Kap. 16, li skond l-appellanti ma jippermettix tali assunzjoni ta' l-atti fil-kaz ta' azzjoni personali bhalma hija dik ghad-danni personali, li tispetta biss lil attur.

10. Riferibilment ghal dan l-aggravju l-appellat Charles Azzopardi jissottometti li t-trasfuzjoni tal-gudizzju kienet giet ordnata mill-Qorti b'digriet tal-21 ta' Gunju 2000, u li l-appellanti ma appellawx minn dan id-digriet izda biss mis-sentenza finali tal-Qorti. Inoltre, <u>pendente lite</u>, il-kuraturi qatt ma talbu r-revoka ta' dan id-digriet li baqa' mhux attakkat sas-sentenza finali. Jikkonkludu billi jghidu li l-argument ta' l-appellanti xorta mhux korrett legalment ghaliex l-azzjoni odjerna mhix wahda minn dawk il-kawzi ghal kollox personali bhal dawk ta' separazzjoni personali jew annullament.

11. Minn ezami ta' l-atti tal-kawza jirrizulta li Francis Zahra miet fid-9 ta' Jannar 1999[1] u li l-eredi tieghu rrinunzjaw ghall-wirt tieghu (fol. 249 et seq). Charles Azzopardi kien ipprezenta rikors fit-2 ta' Marzu 2000, fejn talab li l-gudizzju jigi trasfuz fil-persuna tieghu stante li kien kreditur ta' l-attur (fol. 244). Il-Qorti ghalhekk, wara li ordnatlu biex jipprezenta l-atti tar-rinunzja ta' l-eredi u jiddikjara l-artikolu tal-ligi li fuqu kien qed jibbaza t-talba tieghu[2], fis-seduta tad-19 ta` Gunju 2000, iddifferiet il-kawza ghall-21 ta' Gunju 2000, biex jinghata provvediment u dakinhar laqghet it-talba tar-rikorrenti.[3]

12. Jigi rilevat illi sa dakinhar il-kuraturi ma kienux ghadhom parti fil-kawza odjerna u li dawn gew nominati biss fit-8 ta' Gunju 2001 (fol. 280 tergo) wara talba tas-socjeta` assikuratrici tal-konvenut. Il-lanjanza ta' l-appellanti tirrigwarda l-verbal li kien sar minn Dr. Tonio Azzopardi fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2002 (fol. 290-291) fejn dan, wara li ddikjara li kien sodisfatt bil-provi migbura, xtaq biss itella' jixhed lil Charles Azzopardi. Wara din id-deposizzjoni huwa vverbalizza li gej,
"…Dr. T Azzopardi jixtieq li jaghmel referenza ghall-artikolu 1143 tal-Kap 16."

Skond l-appellanti dan il-verbal kien jammonta ghal talba formali min-naha taghhom li l-Qorti kellha tqis u tikkonsidra fis-sentenza taghha.

13. Din il-Qorti tirrileva li, hlief ghal dan il-verbal, l-appellanti qatt ma regghu qajjmu l-kwistjoni quddiem il-Qorti u lanqas biss kienu prezenti meta l-kawza giet trattata mid-difensuri tal-partijiet l-ohra quddiem il-Qorti fis-seduta tat-22 ta` Mejju 2002 (fol. 304).

14. Kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Scerri et v. Anthony Cutajar et**[4] "Hu dmir ta' kull tribunal li kemm jista' jkun jokkupa ruhu mill-kwistjonijiet kollha devoluti lilu fil-gudizzju mill-partijiet u, fejn possibbli u hekk rikjest,

[1] Dok CA1 a fol 245
[2] 6 ta` Marzu 2000
[3] fol 274
[4] Appell inferjuri deciz 16 ta` Marzu 2005

jipprovdi b'mod intelligibbli, anke jekk mhux necessarjament b'mod approfondit, l-elementi saljenti ta' fatt u ta' dritt li jkunu gew provati jew trattati mill-kontendenti  Dan ghar-raguni ovvja, u daqstant iehor logika, biex il-partijiet ikollhom almenu s-sodisfazzjon li jkunu jafu ghaliex it-talba, jew l-eccezzjoni, tkun giet milqugha jew michuda".

15. Jigi pero` precizat, illi l-fatt li xi wahda mill-partijiet taghmel verbal f'seduta quddiem il-Qorti, ma jfissirx li hija kienet qed titlob d-decizjoni tal-Qorti dwar din is-sottomissjoni, aktar u aktar meta hawn si tratta ta' sottomissjoni rigwardanti digriet tal-Qorti moghti aktar minn sena qabel li qatt ma gie attakkat mill-istess kuraturi tul il-proceduri quddiem dik l-istess Qorti.  F'dan ir-rigward jinghad illi l-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Cristina pro et v Eleonora Mizzi et**[5] irriteniet illi l-argumenti u r-ragunamenti legali dedotti f'nota ta' osservazzjonijiet, u mhux bhala eccezzjonijiet formali, ma jobbligawx lill-Qorti li tqishom bhala tali ghaliex dan ikun jammonta ghal strap procedurali li jista' jkun ta' pregudizzju ghall-kontro-parti.  Inoltre, l-fatt li l-Qorti ta' l-ewwel grad ma semmietx dak verbalizzat mill-appellanti fis-sentenza taghha ma jfissirx li hija ma kkonsidratx dak sottomess minnhom u li ma qisitux fl-isfond tar-ragunijiet li fuqhom hija bbazat id-decizjoni taghha.

16. Di fatti nsibu li, skond l-Artikolu 790 tal-Kap. 12,
"Meta quddiem qorti fi grad ta' appell tingieb 'il quddiem eccezzjoni tan-nullita` tas-sentenza appellata, dik l-eccezzjoni ma ghandhiex tintlaqa` jekk is-sentenza tkun gusta fis-sustanza taghha, hlief jekk l-eccezzjoni tkun ibbazata fuq nuqqas ta' gurisdizzjoni, jew fuq nuqqas ta' citazzjoni, jew fuq illegitimita` ta' persuna jew fuq li s-sentenza ta' l-ewwel qorti hija extra petita jew ultra petita jew fuq kull difett iehor li jippregudika l-jedd ta` smigh xieraq."

Ghalhekk in-nullita` m'ghandhiex tigi akkordata jekk is-sentenza tinsab sostanzjalment gusta u dan ghaliex kif

[5] deciza 27 ta` Marzu 2003

sewwa spjegat il-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Jotham Scerri Diacono noe v Carmelo Borg Bonaci**[6] -
….“in linea ta’ principju generali, huwa dejjem tajjeb illi fejn tidhol il-gustizzja, u kull rikjam li jsir ghaliha, wiehed ghandu, anke jekk minghajr cediment ghall-indulgenzi, jidneb fuq in-naha tal-generosita` mal-parti li thossha aggravata. Dan bl-animu tajjeb li kulhadd ikun verament sodisfatt illi l-gustizzja mhux biss issir imma issir ukoll manifestement…Naturalment, ukoll, il-bon sens jiddetta illi l-applikazzjoni tal-principju ghandu jigi adoperat safejn tassew jokkorri li jkun addottat u fejn tabilhaqq jinhass opportun li jinghata rimedju ghal xi irregolarita`. Ma huwiex ghalhekk konsentit li l-principju jigi allargat b’mod li jiskonfina l-parametri tar-ragjonevolezza, jew li jistultifika l-poter residwali vestit fil-Qorti biex tirrimedja ghas-sitwazzjoni ta’ ingustizzja jew tal-vera vjolazzjoni tad-dritt fundamentali, b’talbiet jew allegazzjonijiet inawditi ta` xi nullita` kapriccuza. Din il-Qorti mhux lesta li taccetta kwalsiasi pretest biex jitwaqqghu s-sentenzi, jekk mhux ghal motivi verament gravi u legalment akkordati.”

17. Jigi rilevat ukoll illi d-digriet in kwistjoni huwa wiehed interlokutorju u li ghalhekk kien hemm il-possibilita` ta’ appell minnu u dan skond dak li hemm provdut fl-artikolu 229 tal-Kap. 12. Inoltre, fejn ma jigix prezentat rikors ta` appell qabel is-sentenza definittiva, il-parti aggravata tista’ titlob lil dik l-istess qorti tirrevoka <u>contrario imperio</u> d-decizjoni taghha, permezz ta’ rikors pprezentat sitt ijiem minn meta dan jinqara fil-Qorti. Jinghad li l-kuraturi ma setghux juzaw il-procedura hawn imsemmija peress li gew appuntati biex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti ferm wara, izda kieku riedu, setghu appellaw fl-appell odjern mid-decizjoni moghtija mill-ewwel Qorti f’dan id-digriet. Dan, izda ma ghamluhx, kif sewwa ssottomettew l-appellati fir-risposta ta’ l-appell taghhom, u l-appell odjern jikkoncerna biss is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti u l-appellanti mkien ma adducew talba ghar-revoka tad-digriet tal-21 ta’ Gunju 2000, abbazi ta’ l-argument li dan

[6] deciza 7 ta` Lulju 2003

ma setax jintlaqa' minhabba l-Artikolu 1143 tal-Kap. 16, kif jiddisponi l-Artikolu 231 tal-Kap 12.

18. Finalment jigi nnotat illi l-Artikolu 1143 tal-Kap. 16, imsemmi mill-appellanti, xorta mhux applikabbli ghal kaz odjern. Dan l-artikolu jitratta l-*actio debitor debitoris mei* u jipprovdi li –

"Kull kreditur jista` biex jithallas ta' dak li jkollu jiehu, jezercita l-jeddijiet jew l-azzjonijiet kollha tad-debitur tieghu, barra minn dawk li huma ghal kollox personali."

F'kelma wahda hawnhekk il-kreditur qed jaghmel uzu minn dritt li ma jappartjenix lilu izda lid-debitur tieghu. L-azzjoni hija esperita mill-kreditur u tkun mehuda in iure debitoris u mhux in iure suo, ghax tappartjeni lid-debitur. Bid-dispost ta` l-Artikolu 1143, il-kreditur qed jigi protett mill-konsegwenzi tan-negligenza tad-debitur li jagixxi biex jigbor dak dovut lilu bir-rizultat li jnaqqas il-garanzija tal-kreditur. Hu proprju ghalhekk li l-legislatur jipprovdi li l-kreditur ma jistax jezercita azzjonijiet ghal kollox personali – bhal ma huma kawzi li ghandhom x'jaqsmu mal-familja tad-debitur u d-drittijiet konnessi maghha. Fil-kaz odjern izda l-azzjoni ghad-danni giet esperita minn Francis Zahra, li sfortunatament miet fil-mori tal-proceduri, u l-kreditur talab li l-atti jghaddu fil-persuna tieghu bhala parti li ghandha interess biex tissokta l-kawza minfloku. L-ewwel Qorti gustament irriteniet illi l-fatt li hu kien kreditur ta' l-attur kien jintitolah ikompli l-azzjoni.

B'hekk jirrizulta li dan l-aggravju huwa infondat.

19. Fit-tieni aggravju taghhom l-appellanti jissottomettu li fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ma stabbilietx il-*quantum disability rating* sofferta mill-attur b'rizultat ta` l-incident, avolja dan kien gie indikat mill-esperti medici mahtura minnha, u li tali mankanza ghandha twassal biex is-sentenza tigi annullata jew revokata. Jispjegaw illi l-Qorti kienet hatret esperti medici, li kienu rrelataw u sahansitra semghet ix-xiehda taghhom fejn irrispondew ghad-domandi dwar il-percentwal ta` dizabilita` li sofra l-attur, izda mbaghad fid-decizjoni taghha ma ghamlet ebda

referenza ghall-grad ta’ dizabilita` permanenti li kienet qed tistabilixxi u li a bazi tieghu hija kienet ghamlet il-likwidazzjoni tad-danni dovuti lill-attur. Jghidu li dan kien l-ewwel ezercizzju li kellha taghmel il-Qorti stante li l-attur fic-citazzjoni tieghu kien ghamel talba specifika ghal-likwidazzjoni tad-danni.

20. L-appellat Charles Azzopardi, min-naha tieghu, jghid li l-Qorti ma kellha ebda diffikulta` biex tistabilixxi l-percentwal ta’ dizabilita` li sofra l-attur. Gew prezentati certifikati tat-tobba li ezaminawh (Dok FZ 6,7,8) li kkonkludew illi huwa kellu dizabilita` permanenti ta’ 56%. Inoltre, l-esperti medici appuntati mill-Qorti sabu li hu kien qed ibati minn zewg difetti ortopedici permanenti li kkwantifika f’dizabilita` ta’ 10% u Dr. Mario Tabone kkonkluda li l-*visual inefficiency* li sofra l-attur kienet ta’ 90% f’ghajnejh il-leminija u ta’ 40% f’dik ix-xellugija u li hu kellu *industrial visual efficiency* ta’ qabel l-incident kienet ta’ 97.75% li komplessivament wasslu ghal dizabilita` permanenti ohra ta’ 30%.

21. Is-socjeta` Gasan Mamo Insurance Agency Ltd noe, ikkummentat illi l-Qorti kienet hadet kont tal-fatt li l-attur kien pensjonat u li miet waqt il-mori tal-kawza. Izzid li l-espert okulista nominat mill-Qorti, Dr. Mario Tabone, fix-xiehda tieghu quddiem l-ewwel Qorti ma setax jeskludi jekk il-*visual inefficiency* ta’ l-attur fil-prezent kenitx kollha dovuta totalment ghall-incident, u dan peress li l-attur kien dijabetiku u dina tirriduci l-efficienza tal-vista.

22. Fil-fehma ta’ din il-Qorti huwa minnu li l-Qorti ta` l-ewwel grad ma ddikjaratx specifikatament fis-sentenza taghha kemm kien fil-fehma taghha il-grad ta’ dizabilita` li kien sofra l-attur b’rizultat ta’ l-incident; u dan nonostante li gew appuntati esperti medici li rrelataw fuq din il-kwistjoni u li anke xehdu in eskussjoni fuq ir-relazzjonijiet minnhom ipprezentati. L-espert Professur V. Griffiths irrelata fuq id-difetti permanenti fizici li sofra l-attur u kkonkluda li l-attur kellu - i) ksur tal-minkeb tal-lemin li wassal biex hu jigi operat b’viti tal-metall li ghadhom fil-post u li b’rizultat tieghu il-gog tilef permanentement certu grad ta’ moviment; u ii) f’siequ l-leminija kellu ksur tal-ghadma

tas-saba` l-kbir li halla difett fil-gog li jfixxkel xi ftit il-mixi u baqa' jaffettwa l-gilda. B'hekk ikkonkluda li dawn kienu jammontaw ghal dizabilita` permanenti ta' 10%.[7]

23. Jirrizulta mill-atti li Dr. Mario Tabone gie appuntat biex jezamina l-hsara li grat f'ghajnejn l-attur. Dan ikkonkluda li l-percentwal ta' efficjenza ta' l-ghajn il-leminija wara l-incident kienet kwazi nil u ghalhekk kien hemm telf ta' aktar minn 90%, u dak ta' l-ghajn ix-xellugija kienet ta' 40%.[8] Fl-ittra tieghu datata 15 ta` Novembru 1998 (fol. 213), Dr. Tabone jiddikjara li l-*loss of industrial visual efficiency* ta' ghajnejn l-attur kienet ta' 70% u li "the optic atrophy in the (right) eye is attributable to the orbital fracture and not to the diabetic process." Sussegwentement b'ittra datata 18 ta' Jannar 1999 (fol. 237 Dok MT) iddikjara li l-*Industrial Visual Efficiency* ta' l-attur qabel l-incident kienet ta' 97.75%.

24. Fir-rigward tad-dizabilita` sofferta mill-attur il-Qorti ta' l-ewwel grad qalet li b'rizultat ta' l-incident l-attur "ma setax ikompli jezercita n-negozju tieghu senjatament minhabba li tilef l-uzu ta' ghajnejh il-leminija u l-uzu ta' drieghu il-leminja." Kompliet izzid tghid li "l-attur kien qabel jezercita l-professjoni ta' repairer ta' l-arloggi u strumenti ohra delikati bhal ma huma barometri. Izda barra minn hekk kien ukoll jinnegozja dawn l-affarijiet billi kien jimpurtahhom minn barra u jqassam lill-hwienet. Wara l-incident dan kollu waqaf." Minn ezami ta' l-atti tal-kawza, partikolarment tar-relazzjonijietipprezentati mill-periti medici jirrizulta kjarament mill-kliem tal-Qorti li hija abbraccjat il-konkluzzjonijiet ta' dawn ta' l-ahhar fuq id-dizabilita` permanenti sofferta mill-attur ghaliex huma proprju it-telf ta' l-uzu ta' jdejh il-leminija u dik ta' ghajnejh il-leminija li gieghlu lill-attur jieqaf mill-attivita` tieghu u li kkawzawlu t-telf ta' qliegh futur. Il-Qorti wara li kkunsidrat ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz iddecidiet illi tillikwida d-danni skond id-diskrezzjoni taghhha. Il-fatt illi l-Qorti ma specifikatx percentwali partikolari ta` dizabilita` permanenti ma jfissirx li s-sentenza hija nulla, jew li dik il-Qorti ma kenitx hadet in konsiderazzjoni tal-grad ta'

[7] fol 65-66
[8] fol 199-200

dizabilita` fil-likwidazzjoni maghmulha minnha – bla dubbju kien ikun ahjar li kieku l-grad ta’ dizabilita` accettat minnha gie specifikat fis-sentenza odjerna izda l-ligi taghna ma tirrikjedix li dan isir. Ghalhekk dan l-aggravju huwa wkoll infondat.

25. Fl-ahharnett l-appellanti jillanjaw illi l-Qorti ta` l-ewwel grad skartat il-metodu tal-“multiplier” stabbilit mill-gurisprudenza u llikwidat id-danni *arbitrio boni viri*. Jissottomettu li ghalkemm il-Qorti ghandha d-diskrezzjoni li taghzel kif tillikwida d-danni, din il-Qorti ta’ l-Appell ghandha l-poter li tissindika l-ezercizzju ta’ tali diskrezzjoni jekk jirrizulta li l-ewwel Qorti kienet zbaljata. Jispjegaw illi din id-diskrezzjoni giet uzata b’mod zbaljat ghas-segwenti ragunijiet –

i) fejn wahda mid-debilitazzjonijiet permanenti tirrigwarda telf ta’ vista okulari, il-gurisprudenza stabbilit kriterju car ta` kif ghandha ssir il-likwidazzjoni, metodu li minhabba l-importanza kbira ta` ghajnejn il-bniedem, iwassal ghal likwidazzjoni ta` danni sostanzjali. L-ewwel Qorti ma tatx piz lil dan il-metodu, poggiet flimkien id-diversi dizabilitajiet permanenti li sofra l-attur u akkordat l-ammont ta` LM5000, somma ferm baxxa, ghall-griehi sofferti mill-attur;

ii) l-mewt ta` l-attur fil-mori tal-kawza huwa rrilevanti, bhalma hu l-fatt li Charles Azzopardi ppretenda li silef Lm5000 lill-attur, figura identika ghal dik likwidata;

iii) il-metodu korrett kien dak tal-“multiplier” stante li l-attur kien registrat madl-Dipartiment tal-VAT bhala persuna fin-negozju u ghalhekk l-“income” tieghu kien kalkolabbli.

26. L-appellat Charles Azzopardi jissottometti li l-Qorti ma kellha ebda diffikulta` biex tistabbilixxi l-grad ta’ dizabilita` permanenti sofferta mill-attur u li fil-kaz tat-telf ta’ vista ta` l-attur f’ghajnejh il-leminija din zbilancjatlu anke dik xellugija fatt ferm importanti ghax hu kien arloggar, b’hekk setghet facilment tasal ghal percentwal ta’ dizabilita` billi tadopera l-formula stabbilita fil-kawza <u>Abela v. Spagnol</u> (gia` citata) adoperata mill-espert okulista. Id-diffikulta` li

sabet kienet rizultat tal-fatt li l-attur li kellu 66 sena meta sehh l-incident, miet sitt snin wara fil-mori tal-kawza, u inoltre, huwa dejjem irrifjuta li jipprezenta kopji ta’ l-“Income Tax Returns” tieghu ghalkemm xehed li kellu income ta’ LM4000 fis-sena. Jissottometti pero` li l-ammont likwidat mill-Qorti ta’ l-ewwel grad bhala *lucrum cessans* kien baxx wisq meta jitqiesu c-cirkostanzi tal-kaz, u l-fatt li l-incident ilu li sehh ghaxar snin. B’hekk din il-Qorti ta` l-Appell ghandha tezamina l-provi biex tiddetermina jekk bil-provi li kien hemm il-Qorti ta’ l-ewwel grad setghetx tibbaza l-likwidazzjoni fuq grad ragonevoli ta’ certezza.

27. Min-naha taghha is-socjeta` intervenuta Gasan Mamo Insurance Agency Limited nomine issostni li dak likwidat bhala lucrum cessans jimmerita konferma fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u li peress li l-attur miet fil-mori tal-kawza fl-eta` ta’ 72 sena, dik il-Qorti kienet kostretta tillikwida l-ammont dovut *arbitrio boni viri*. Tirrileva li fiz-zmien ta’ l-incident l-attur kellu 66 sena u kien pensjonant u li hu ma gabx prova dwar id-dhul tieghu jew ipproduca xhieda biex jixhdu fuq in-negozju li hu kellu maghhhom. Inoltre, skond dak li xehed ir-rapprezentant tal-ETC mir-“records” taghhom irrizulta li l-attur spicca jahdem bhala “self-employed” fil-31 ta’ Dicembru 1987. Tikkummenta li kieku d-danni gew likwidati bil-metodu tal-“multiplier”, l-ammont likwidat kien se jkun ferm anqas minn LM5,000 u l-“multiplier” kien ikun biss ta’ sitt snin.

28 L-azzjoni ta` l-attur hi bbazata fuq l-artikolu 1045 tal-Kap. 6 li jiddisponi li –
“(1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta’ qabel, hija t-telf effettiv li l-ghemil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qliegh iehor attwali, u t-telf ta’ qliegh li tbati ’l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta` jgib.

(2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilit mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi

tal-kaz u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita` kkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara."

29. Minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-ligi jirrizulta car li l-provedimenti tal-Kodici Civili li jirregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b'mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u t-telf ta` paga jew qliegh iehor – u ghalhekk dwar dan il-Qorti m'ghandha ebda diskrezzjoni u dawn l-ispejjez iridu jigu rizarciti kollha. Izda, mbaghad, meta l-legislatur jitkellem fuq it-telf ta` qliegh li dik il-persuna tbati fil-futur b'konsegwenza tal-inkapacita` permanenti, totali jew parzjali, hemm element diskrezzjonali moghti lill-gudikant u sakemm il-ligi tal-procedura tibqa' dik li hi, hadd m'ghandu d-dritt li jimponi fuqha kif ghandha tipprocedi fl-ahjar interess tal-gustizzja.

30. Dan maghdud, pero`, ghandu jinghad ukoll li din id-disposizzjoni tal-ligi giet supplimentata bil-principji stabbiliti fil-kawza klassika fl-ismijiet **Michael Butler v Peter Christopher Heard** deciza mill-Qorti ta` l-Appell[9] fejn kien gie introdott bhala metodu sostanzjalment gust u pratiku, fil-kaz ta` danni minhabba inkapacita` permanenti, li jitqies b'kemm il-qliegh ikun naqas, kunsidrati wkoll il-prospettiv li d-danneggat kellu u dawk il-possibbli kontingenzi li setghu jinfluwixxu fuq il-qliegh, u dak it-telf jigi multiplikat ghal numru ta' snin, mehud rigward ta' l-eta` u stat tas-sahha tad-dannegat. Dawn ir-regoli gew aggustati ghaz-zminijiet aktar ricenti peress li c-cirkostanzi tal-hajja inbidlu konsiderevolment. Ghalhekk per ezempju ghar-rigward tal-"multiplier" applikat ghall-kuncett tal-"working life expectancy" tad-danneggjat fejn qabel is-"ceiling" qatt ma ecceda l-ghoxrin (20) sena, is-sitwazzjoni tbiddlet wara d-decizjoni fl-ismijiet **Mary Bugeja noe et v. George Agius noe**[10]. Hawnhekk il-Qorti ta' l-Appell irrikonoxxiet illi ghalkemm is-sistema stabbilita f'**Butler v. Heard** hija l-iktar adatta sakemm tinstab sistema ohra ta' komputazzjoni aktar gusta, pero` dan ma jfissirx li "l-Qorti ghandha thossha marbuta rigorozament ma' applikazzjoni tas-sistema imsemmija li jorbtilha jdejha li dejjem u f'kull

[9] 22 ta` Dicembru 1967
[10] 26 ta` Lulju 1991

kaz tapplika 'multiplier' li f'certi cirkostanzi evidentement ikun iwassal ghal-likwidazzjoni irreali jekk mhux addiritura ingusta." Dik il-Qorti ziedet illi "sistema, tkun liema tkun, hija tajba purche` thalli f'idejn il-gudikant dik il-margini ta' diskrezzjoni li hu jhoss li konformement ma' l-aspetti partikolari ta' kull kaz hu necessarju sabiex issir gustizzja."

31. Il-gudikant ghalhekk dejjem ghandu diskrezzjoni li jiddeciedi liema sistema jadopera u dan ghaliex hu jkun sema' l-provi u jkun jaf ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ghalhekk ikun fl-ahjar posizzjoni biex jirreintegra lil dak li jkun garrab il-hsara, u jerga' jqieghdu kemm jista' jkun fl-istat li kien fih qabel l-incident. Dan gie spjegat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Darren Sammut v Eric Zammit**[11] fejn din qalet li –
"Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta' ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza 'Butler v. Heard' – b'dan kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh l-aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghat-telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala 'lucrum cessans' jipprova jimprimi sens ta' gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggjat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun ikkawza d-dannu."

Dan biex id-danneggjat jinghata l-kumpens li jisthoqqlu minghajr mad-debitur jigi aggravat izzejjed. F'kelma wahda "l-aqwa kriterju jibqa' s-sens ta' proporzjon u ta' ekwita' tal-gudikant fic-cirkostanzi kollha tal-kaz."[12]

32 Minn qari ta` l-atti tal-kawza u tas-sentenza tal-Qorti ta` l-ewwel grad ma jidhirx li dik il-Qorti ezercitat id-diskrezzjoni taghha inkorrettement. Kif sewwa spjegat dik il-Qorti l-attur naqas li jipprova l-introjtu tieghu fiz-zmien ta' l-incident kif kien obbligat li jaghmel u lanqas kien lest li jforni informazzjoni dwar il-pensjoni li kien jircievi (fol 182). Huwa ripetutament irrifjuta li jipprezenta l-"Income Tax Returns" tieghu ghas-snin antecedenti ghall-incident

---

[11] 3 ta' Dicembru 2004
[12] John Soler et v. Claire Gove` et PA – 14 ta' Ottubru 2003

ghaliex dejjem insista li dawn kienu dokumenti privati u personali – u dan anke jekk fis-seduta tat-28 ta' Jannar 1998 (fol 170) kien obbliga ruhu juri r-"Returns" u l-"Acknowledgements", b'mod kunfidenzjali, lid-difensur tal-intervenuta fil-kawza. Huwa xehed li ghalkemm kien pensjonant kellu negozju ta' l-arloggi u barometri u kien ibiegh bhala grossista (fol. 58 et seq.) u li wara l-incident ma baqax jahdem. Jinghad li l-appellanti mhumiex korretti meta jghidu li l-"income" ta' l-attur kienet kalkolabbli ghaliex kien registrat mad-Dipartiment tal-VAT. L-attur stess xehed li l-ahhar darba li ghamel negozju kien f'Marzu 1993 (fol. 185) u spjega li meta gara l-incident kellu l-merkanzija fil-karozza lesta biex jehodha Ghawdex, u li din il-merkanzija kienet ilha ghandu. Spjega li hu kien applika ghall-VAT ghax kellu xi "stock" li ried inehhi u ma kien biegh xejn minnu. Infatti qal li fl-1995, meta dahlet il-VAT, kien applika biss izda ma hallasx VAT (fol. 185). L-unika informazzjoni li kellha l-Qorti dwar l-introjtu ta' l-attur kienet fix-xiehda tieghu tas-26 ta` Frar 1996, fejn iddikjara li kien jaqla' LM4,000 fis-sena. Din certament ma hijiex l-ahjar prova li abbazi taghha l-Qorti setghet tasal ghal-likwidazzjoni tad-danni dovuti, u kif spjegat il-Qorti stess kienet wahda mir-ragunijiet principali li wasslitha biex tillikwida *arbitrio boni viri* fl-ammont ta` LM5,000. Huwa veru li l-metodu stabbilit mill-gurisprudenza fil-kaz ta' telf ta' vista okulari wassal ghal-likwidazzjoni ta' danni f'ammont sostanzjali izda min-naha l-ohra l-Qorti gustament ibbilancjat dan ma' zewg fatturi ohra importanti – l-eta` ta' l-attur fil-mument ta' l-incident u l-fatt li dan miet sitt snin wara, fil-mori ta` din il-kawza. Dawn iz-zewg fatturi huma importanti hafna u dan ghaliex ghalkemm persuna li hija pensjonata xorta ghandha l-potenzjal li tahdem u li dan il-potenzjal ghandhu valur ekonomiku, fil-kaz li d-danneggjat imut fil-mori tal-kawza, il-"multiplier" ghandu jinhadem fuq il-bazi tad-data ta' l-incident u d-data tal-mewt[13]. Certament l-eta' tad-danneggjat hija cirkostanza rilevanti hafna li l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni u dan ghaliex anke jekk l-attur ikun persuna attiva u kien ghadu jezercita hidma kummercjali, huwa mistenni li bl-eta` din l-attivita` tonqos jew

[13] Eman. Schembri et v. David Tanti PA - 30 ta' Novembru 2001

sahansitra tieqaf kompletament. In fatti, il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Galea et v. Charles Fenech et noe**[14] fejn id-danneggata kellha sittin sena meta sehh l-incident qalet li "fil-komputazzjoni tal-kumpens ta' persuna avvanzata li ma tiddependix ghall-introjtu taghha fuq 'income' fiss bhal per ezempju pensjoni, izda tippretendi li l-kumpens jirrifletti l-introjtu taghha minn xi attivita` kummercjali qabel l-akkadut, il-Qorti ghandha tipprospetta l-probabilita` ta' riduzzjoni fl-introjtu proprju minhabba l-eta` dejjem tavvanza tad-danneggat. Dan ghaliex dawn id-danni, ghalkemm jithallsu bil-quddiem, qeghdin jigu komputati fuq firxa ta' snin futuri."

B'hekk ma jidhirx li huwa hawn il-kaz fejn id-danni likwidati mill-ewwel Qorti ghandhom jigu varjati u l-aggravju jirrizulta infondat.

33. Fir-risposta taghha ghall-appell tal-kuraturi, s-socjeta` intervenuta fil-kawza Gasan Mamo Insurance Agency Limited noe issottomettiet illi ghandu jkun hemm riforma fir-rigward ta' l-ammont ta' *damnum emergens* likwidat mill-Qorti. Tispjega li l-attur ma gabx provi sufficjenti li hu kellu xi merkanzija fil-vettura tieghu li ma nstabitx aktar wara l-incident, u ghalhekk dan l-ammont ma ghandux jigi likwidat. Inoltre tghid li l-prezz tal-vettura kien thallas lill-attur tramite l-avukat tieghu fil-15 ta` Novembru 1993. F'dan ir-rigward jinghad illi s-socjeta` ma interponiet ebda appell incidentali fuq il-kwistjoni u lanqas ma interponiet appell incidentali limitatament ghal-lanjanza taghha dwar id-danni. Bizzejjed jinghad li fl-appell interpost mill-kuraturi ma hemm ebda talba esplicita ghar-riforma tas-sentenza appellata limitatament ghal dan il-kap. Fir-rigward tal-prezz tal-karozza jirrizulta li mar-risposta ta' Charles Azzopardi gie pprezentat ic-cekk originali ta' LM250 u mhux imsarraf offrut bhala prezz tal-vettura involuta fl-incident (Dok VI) li kien gie ritornat mid-difensur tas-socjeta` appellata fl-ittra datata 15 ta` Novembru, 1993.

[14] deciza 16 ta' Marzu 2004

L-appell tal-kuraturi ghandu ghalhekk jigi michud u s-sentenza appellata tigi konfermata.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma <u>in toto</u>, s-sentenza appellata, tichad l-appell tal-kuraturi deputati b'dan li l-ispejjez relativi ghall-ewwel istanza ghandhom jibqghu kif gia` decizi fis-sentenza appellata, filwaqt li dawk relativi ghall-appell ikunu kollha a karigu ta' l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------